MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru 26/2007

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cassar)
vs
Roderick Barbara, iben Alfred, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ jannar, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli mill-‘Cosy Corner Confectionary’, f’Misraħ l-4 ta’ settembru, l-Isla, matul dawn l-aħħar tnax il-xahar –
1. b’diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta’ ‘cheque book’ tal-HSBC, kif ukoll madwar ħames mitt lira maltin fi flus kontanti mill-‘cash register’ ta’ l-imsemmi

ħanut għad-dannu ta’ Gertrude Galea mill-Isla liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;
2. xjentement laqa’ għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi b’meżżi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, ittanta jagħmel qliegħ li hu aktar minn ħamsin lira maltin iżda mhux aktar minn ħames mitt lira maltin għad-dannu ta’ l-istess Gertrude galea mill-Isla.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ jannar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldastant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 261(b)(ċ), 263(a), 267, 278(1)(2), 183, 184, 41, 308 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat

ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien
sentejn
mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------